# IL-GGANT U L-MUNTANJA: HRAFA FUQ L-FIDI

F'art 'l boghod hafna kien hemm ggant li kien habib ma' kulhadd. Ma kienx joqghod fir-rahal man-nies l-ohra billi d-djar hemmhekk kienu zghar wisq ghalih. Ghalhekk hareg mir-rahal u bena' ghalih kamra kbira biex ikun jista' jghix fiha. Spiss kien juri kemm jiflah billi jcaqlaq oggetti kbar u tqal.

In-nies tal-belt kienu jhobbu jisfidawh daqqa biex jaqla' xi sigar kbar li ghandhom hafna snin u ohrajn biex igorr gebel minn post ghal iehor. U meta is-sigra tkun maghluha minn gheruqha, in-nies kienu jmorru jqattghu s-sigra biex jiehudu l-bicciet fi djarhom halli jkollhom biex jishnu matul il-jiem keshin tax-xitwa. U kull sfida l-ggant kien jirbaha u juri lil abitanti tal-belt li bhalu ma kienx hemm. Biex ipattulu talli ikun tahom wirja ta' sahha kienu jgibulu frott, patata, laham imellah, u kull xorta ta' ikel iehor.

L-oggetti li kienu jghidulu biex igorr jew icaqlaq kienu kull ma jmorru isiru akbar u akbar, imma madanakollu qatt ma setghu jsibu xi haga li l-ggant ma setghax igorr jew icaqalaq.

Jum wiehed tfajjel zghir avvicina l-ggant u gibidlu l-qalziet biex jattiralhu l-attenzjoni.



"Hey, sur ggant," qallu t-tfajjel, "Tista' tmexxi muntanja?"

In-nies tal-belt dahqu ghall-proposta tat-tifel, izda l-ggant li qatt ma rrifjuta sfida wiegbu: " Nista."

B’passi kbar huwa resaq lejn muntanja li kienet qrib il-bahar.

Hares wahda lejha filwaqt li flieha b’ghajnejh u mbaghad qal lin-nies: “ Jiena ncaqlaq din il-muntanja u nixhetha dritt fil-bahar.”

Huwa tefa’ spallejh fuq in-naha tal-muntanja u beda’ jimbotta. U jisforza kemm jisforza kien ghalxejn; il-muntanja baqghet fejn kienet. Haffer taht l-art biex jgholli l-muntanja u jaqtaghha ‘l fuq imma l-muntanja ma cedietx. Mar ftit il-boghod gera’ lejn il-muntanja u nxtehet fuqha bit-tama li jkissirha, imma ma ghamillha ebda hsara.

Ftit ftit in-nies tal-belt hallewh wahdu u kull wiehed mar fuq xoghlu jew daru. Hadd minnhom ma emmen li l-ggant seta’ jtemm dan ix-xoghol.

Il-ggant sewwed qalbu u ghamel jiem bla ma kiel jew raqad. Kien wasal biex jaqta’ qalbu.

Minghajr ma kien jistenna ghasfur qaghad fuq imniehru waqt li kien mixhut fl-art minghajr sahha. Tah harsa u staqsieh: “X’inti taghmel Sur Ggant?”

“Li tmexxi din il-muntanja hija haga mpossibli, anke ghal wiehed li ghandu sahha daqs tieghi.”

“Impossibli qed tghid?”, “ Tajjeb, jekk hija haga mpossibli, ghaliex ma tistaqsix lil Dak li jaghmel possibli l-hwejjeg li huma mpossibli?”

“X’jiswa? Tlift sahhti kollha. Jekk ma nhiex kapaci mmexxi din il-muntanja, hadd ma jista,” qallu l-ggant.

“Imma inti itlob,” qallu l-ghasfur.

“OK,” qallu l-ggant. Jekk ma kienx kapaci li jmexxi l-muntanja hu, Alla u hadd aktar ma seta’ jaghmel dan. “O Alla aqla din il-muntanja u itfaghha fil-bahar.”

Dak il-hin grat xi haga li hadd ma kien jistenna. L-art bdiet ticcaqlaq u bejnu u bejn il-muntanja dehret qasma kbira fl-art. Bil-ftit il-ftit il-muntanja bdiet taqa' bicca bicca u tinzel fil-bahar.

Meta ra hekk il-ggant resaq lura u l-muntanja li bdiet titfarrak. Hu qaghad jara il-muntanja niezla fil-bahar.

Hadd ma kien hemm biex ikun xhud ta' dan hlief il-ggant. Ma resaqx lejn il-belt biex jiftahar b'dak li sehh. Ma riedx jiehu unur ghal dak li ma ghamilx hu. Kien jaf li dak kien miraklu. Kien ghadda zmien wisq jafda' fis-sahha tieghu.

Issa ried iqieghed it-tama tieghu f'Alla, li kien Dak li jista' jmexxi l-muntanji.

**[Mk:11:23] Tassew ngħidilkom, li jekk xi ħadd jgħid lil din il-muntanja, 'Intrefa' u nxteħet il-baħar', bla ma joqgħod jitħasseb f'qalbu imma jemmen li dak li jgħid ikun se jsir, isirlu żgur.**